# Pesta li għamlet Festa

Il-pesta tal-1814, li qajmet paniku fil-gżira t'Għawdex u għamlet ħerba fil-popolazzjoni tax-Xagħra, ħolqot drawwiet u għejdut li sa ftit tas-snin ilu kienu għadhom ħajjin. **Ġużeppi Ċini** jikteb dwar dawn it-tifkiriet fil-kuntest tal-epidemija tal-pesta bubonika li laħqet lil Għawdex fir-rebbiegħa tas-sena 1814.

Kull darba li nsemmu l-flaġell tal-pesta dlonk jiġi quddiem għajnejna r-raħal tax-Xagħra. Iżda l-pesta kienet ilha taħkem il-gżejjer Maltin sa mis-sena ta' qabel. Fil-gżira ewlenija ta' Malta, dan il-flaġell faqqa' fil-belt Valletta fis-sena 1813. Minn hawn infirex b'qawwa kbira mal-gżira f'diversi bnadi. Diversi niċeċ, kappelli u ċimiterji f'Malta twaqqfu b'tifkira u saru wegħdi votivi ta' dawn iż-żmenijiet ta' twerwir u tkexkix.

Fis-sena ta' wara, eżattament fi Frar 1814, dan il-flaġell tfaċċa wkoll fir-raħal pittoresk tax-Xagħra. Iżda din id-darba, il-flaġell żamm daru ġewwa x-Xagħra riżultat tal-miżuri ta' prekawzjonijiet sanitarji tassew stretti li ħa l-Gvernatur Ingliż, Sir Thomas Maitland. Dan ix-xahar ta' Settembru, proprjament fil-jum tat-Twelid tal-Madonna, ifakkar il-mitejn sena mill-proklama tal-gvern li ħabbret li l-pesta bubonika kienet intemmet b'ħajr lil Alla.


Ix-xbieha tal-Madonna tad-Duluri fi Triq it-Tiġrija.

## Tifkiriet fix-Xagħra

Memorji ta' dan it-tiġrib imwiegħer jinsab, l-ewwel u qabel kollox, fil-midfen ta' Għajn Lukin. Wara li għadda l-flaġell l-awtoritajiet ċivili qabbdu lill-bennej, Marozz Cremona, sabiex idawwar b'ħajt għoli tal-ġebel żmarr. Huwa l-imkien li fih indifnu xi vittmi u suspettati li kienu nfettati. Żmien wara, kif juru indizji fuq il-post, id-daħla nbniet b'koxox tal-franka u l-wiċċ ta' fuq il-ħajt kollu ddawwar b'kurdun tal-franka mimduda. F'nofs iz-zuntier (ċimiterju) inbena plier bil-lavur u fuqu tpoġġa salib imdaqqas lixx maħdum fl-injam. Il-koxox tal-bieb jindikaw ċar li kellu xi għamla ta' sukkara li llum ma baqa' ebda traċċi minnha.

Tifkira li saret ċentru tal-attenzjoni għax tispikka minn distanzi 'l bogħod hija n-niċċa ddedikata lill-Madonna tal-Ħniena. Din in-niċċa tinsab f'ras it-triq Tas-Sellum f'tarf ir-raħal. Minn hemm tidher il-knisja tal-Madonna tal-Grazzja, ikkurata mill-Ordni Kapuċċin, il-kampnar tal-knisja ta' San Franġisk fejn hemm ix-xbieha ta' Sant'Antnin ta' Padova u l-gardjola tas-semi bastjun ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella li tħaddan il-knisja Katidrali li fiha jinżammu b'tant għożża r-relikwiji ta' Sant'Ursola. Dawn l-imkejjen u dawn ix-xbihat kollha jidħlu fit-talb ħerqan ta' kull min kien imwerwer mill-pesta speċjalment dawk l-infettati u nternati fl-inħawi fejn tinsab din in-niċċa li twaqqfet fi żmien qasir wara li ntemmet il-pesta.

Niċċa lill-Madonna tad-Duluri twaqqfet ukoll snin wara fuq iċ-ċint tas-setaħ tal-għassa tal-pulizija (il-milizzja Maltija) li dak iż-żmien kienet tinsab proprju fil-bidu ta' Triq Palma, illum hija Triq Marsalforn.



Il-faċċata taċ-ċimiterju tal-pesta f'Għajn Lukin.

Riċerki juru li ħadd f'dak ir-raħal ma ġie nfettat. Ħamsa u għoxrin sena wara li l-pesta kienet għebet, inbniet dar kantuniera ta' Triq Santa Katerina u Triq Ħamri. Fil-kantuniera ċatta tal-lok saret niċċa li fiha tpoġġiet ix-xbieha skolpita fil-ġebel ta' Santa Katerina. Din il-qaddisa kbira hija waħda minn dawk li lejha jirrikorru fi żminijiet tal-flaġelli tal-pesta. Il-pożizzjoni tan-niċċa turi biċ-ċar li saret bi skop peress li tħares fid-direzzjoni lejn l-inħawi li minn tal-Qaċċa jwasslu lejn Għajn Lukin. L-inħawi ta' quddiem dan il-lok kien għadu kollu raba' u għalhekk l-imkejjen milqutin mill-pesta fix-Xagħra kienu ferm ċari. Twaqqfet hemm u hemm għada sal-lum bil-pala ta' idha l-leminija nieqsa. Fil-pedata ta' din l-istatwa hemm imnaqqxa d-data *LI 16 FEBBRAIO 1839*. Mela din is-sena din in-niċċa qed tfakkar il-mija u ħamsa u sebgħin sena mit-twaqqif tagħha.

F'dawn l-inħawi l-imxija tal-pesta ma ħakmitx u bħala ġest ta' ħajr u wegħda twaqqfet din in-niċċa li tilqek fejn Triq il-Korsa tinferaq minn Triq il-Palma.

## Santa Katerina

Fir-raħal tax-Xewkija, ġar ma' dak tax-Xagħra, waqa' biża' kbir mill-imxija tal-pesta fix-Xagħra.



L-awtur ħdejn il-plier.



In-niċċa tas-Sellum.


Il-lok li fil-kantuniera tiegħu hemm in-niċċa ta' Santa Katerina, Xewkija.

peress li t-trasport kien mhux tant spiss. Qabel jitilqu biż-żwiemel, id-dilettanti kienu jerġgħu jagħmlu xi korsi taż-żwiemel. Il-jum kien ikun nhar Santu Rokku. Fl-għana Malti għad hemm ħajja riferenza għal dawn l-aħħar it-tiġrijiet:

.......il-qagħqiet bil-qastanija
F'Santu Rokku
t-tiġrija.............

## San Girgor

Għal ħafna u ħafna snin wara li ntemmet din l-epidemija, in-nies tax-Xagħra baqgħu mixgħufin mill-pesta bubonika. Ta' kull sena mit-8 ta' Marzu kien isir magħruf pellegrinaġġ ta' San Girgor li kien jitlaq mill-knisja matriċi fiċ-Ċittadella lejn il-kappella ta' San Girgor fit-tarf ta' Kerċem qrib il-wied tal-Lunzjata. Iktar tard f'dan il-pellegrinaġġ kienu jieħdu sehem il-parroċċi kollha mill-Katidral għall-

## Santu Rokku

Hija ħaġa stramba ħafna kif f'Malta wieħed jiltaqa' ma' diversi niċeċ, kwadri jew kappelli għall-ġieħ tal-qaddis, Santu Rokku, b'tifkira tal-epidemija ta' xi pesta. F'Għawdex sa fejn naf jien Santu Rokku m'għandu ebda tifkira iktar minn xi trabi subien li kienu jingħataw l-isem ta' Rokku.

Santu Rokku stess f'ħajtu kien infettat bil-pesta u ġie mfejjaq. Fl-ikonografija lil Santu Rokku, l-arti pinġietu b'kappell f'rasu b'faldi kbar u mitluqin. F'idu jżomm bastun u fuq sidru l-arzella mwaħħla mal-pellegrina u ġarra vojta għall-ilma. Bl-id l-oħra juri fuq wirku ferita tal-pesta u kelb ħdejh iżomm f'ħalqu galletta jew ħbejża.

Fit-talb lill-qaddisin l-antiki kienu jfaħħru lil Rokku tal-pesta b'dan il-kliem:

Rokku Rokku x'bastun għandek
X'kappell għandek b'faldi kbar
Bott għall-ilma wara dahrek
X'qorq għamillek l-iskarpan.

Il-festa tiegħu taħbat l-għada ta' Santa Marija, fis-16 t'Awwissu. Marbuta ma' din it-tifkira f'Għawdex kienet issir it-tiġrija ta' Santu Rokku. Insibu skop għaliex kien isir hekk. Għat-tiġrija tradizzjonali ta' Santa Marija ġie li ġabu xi żwiemel tajbin minn Malta. Dawn kienu jerġgħu lura lejn Malta l-għada


In-niċċa ta' Santa Katerina.



Il-kwadru ta' San Girgor, Kerċem.
*(bil-kortesija tal-knisja parrokkjali Kerċem)*




Statwa ta' Santu Rokku meqjuma fil-parroċċa ta' Senglea, Malta.
(www.senglea.net)

parroċċa ta' Kerċem. Ix-Xagħra wkoll kienet tieħu sehem fih. In-nies kienet itterraq għall-belt mit-triq tas-Sellum u hemm qisha kienet ixxomm mill-ġdid ir-riħa tal-pesta.

Il-kappillan ta' Kerċem, Dun Mikelanġ Grima, kien dejjem jirrakkonta li fil-pellegrinaġġ ta' San Girgor l-iktar li kienu jiġu nies kienu dawk tax-Xagħra għax kienu għadhom mixgħufin mill-pesta li kienet ħakmet fir-raħal tagħhom.

Meta n-nies kienet timxi mill-belt sal-knisja ta' San Girgor, hemm quddiem Ġesu' Sagramentat, il-kleru kien ikanta u n-nies twieġeb għal darba, tnejn u tlieta l-karba ħerqana ta' "*Misericordia, Misericordia.*"

Mitmum illum 16 t'Awwissu, tifkira ta' Santu Rokku.

© 2014.



Il-Kapitlu tax-Xagħra fi triqtu lejn ta' Kerċem miċ-Ċittadella. Snin 1960ijiet.
(Kollezzjoni privata)